MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 595/1990/3

**Antoinette Coleiro**

**v.**

**Dottor Anthony Paul Demajo, Anthony Demajo u Dottor Pasquale Demajo bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Edrichton Holdings Limited gia` Edrichton Development Company Limited qabel funzjoni tal-25 ta' Settembru 1989**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-30 ta' Mejju 1990 li permezz taghha l-attrici wara li ppremettiet:

Illi ghall-habta tat-3 ta’ Gunju 1988, waqt li l-attrici kienet impjegata mas-socjeta konvenuta bhala ‘housekeeper’, hi korriet fuq ix-xoghol u sofriet danni gravi;

Illi dan il-korriment gara bi htija tal-konvenuti nomine kif jigi pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza;

Talbet li din il-Qorti:

1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-korriment li garrbet l-attrici ghal habta tat-3 ta’ Gunju 1988 u ghad-danni konsegwenzjali;
2) tillikwida d-danni sofferti mill-attrici per konsegwenza ta’ l-istess korriment;
3) tikkundanna l-konvenuti nomine jhallsu lill-attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta’ Mejju 1990 u bl-interessi skond il-ligi kontra l-konvenuti nomine li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn qalu:

Illi d-domanda attrici ghandha tigi michuda peress illi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi l-korriment huwa htija unika tal-attrici;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tat-28 ta' Gunju 1990 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Christian Farrugia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet tal-attur fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tas-16 ta' Frar 2000 li permezz tieghu gie revokat *contrario imperio* d-digriet imsemmi tat-28 ta' Gunju 1990 u l-perit legali gie ezonerat mill-inkarigu tieghu u ordnat li jirritorna minnufih il-process;

Rat l-atti kollha ritornati mill-perit legali;
Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti nomine;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Mill-provi jirrizulta li l-attrici kienet impjegata mas-socjeta` konvenuta bhala *housekeeper* u kellha f'idejha t-tmexxija u organizzazzjoni ta' l-appartamenti bl-isem Edrichton Holiday Complex fil-Qawra. L-attrici xehdet li ta' spiss kien ikollha taghmel hafna xoghlijiet li proprjament ma kinux dawk li ghalihom kienet giet impjegata. Hija dan kienet taghmlu ghax kienet tibza' ghax-xoghol taghha minhabba diskors li kien jghid id-direttur Tony Demajo dwar min kien jehel jekk it-turist imur go xi lukanda ohra. Hija rreferiet ghal uhud minn dawn ix-xoghlijiet li kellha taghmel anke wara li nghatat ordni mill-istess direttur li kellha tobdi dak li tghidilha s-segretarja kif ukoll li ma setghetx taghti ordnijiet lic-*chambermaids*.

Dwar x'wassal ghall-korriment taghha hija tispjega li l-kumpanija kienet iddecidiet li tirranga xi appartamenti fil-korp imsemmi Shamrock u li kienu f'zewg blokkijiet. L-appartamenti kienu fuq tliet sulari b'erba' appartamenti fuq kull sular. Hija kellha tnizzel diversi oggetti ta' *cutlery* u fajenez minn kull appartament ghall-istores u mbaghad ttella' l-oggetti indikati fid-Dok. AC1 f'kaxxa kbira daqs kaxxa tat-television. Ghajnuna ma kellhiex, kemm minhabba li ma setghetx taghti ordnijiet lic-*chambermaids* kif ukoll peress li l-*handymen* kienu qed jaghmlu xoghol f'appartamenti ohra. Ix-xoghol kellu jsir immedjatament peress li kienu dehlin it-turisti. Lifts ma kienx hemm fl-appartamenti. Dan it-tip ta' xoghol kienet ilha taghmlu ghal numru ta' snin izda billi kien qieghed isir *refurbishing* kellha ggorr u tqandel hafna izjed.

L-attrici spjegat li qabel ma attwalment harget bis-*sick leave*, kienet diga` bdiet thoss ugigh f'saqajha x-xellugija izda baqghet tidhol ghax-xoghol minhabba d-*deadline* li kellha. Fit-3 ta' Gunju 1988 irrapportat ghax-xoghol bhas-soltu izda ghall-habta tas-1.30 p.m. ma felhitx izjed bl-ugigh u kellha tmur id-dar.

Anthony Demajo, direttur tas-socjeta` konvenuta, xehed li l-*bookings* ta' l-appartamenti gew mgharrfa lill-attrici ghall-habta tal-25 ta' Marzu 1988. Huwa siefer mit-30 ta' Marzu 1988 sal-10 ta' April 1988 u meta rritorna sar jaf minghand is-segretarja li l-attrici kienet lanqas bdiet taghmel xejn fl-ebda appartament. Huwa kien irrabjat fuq din is-sitwazzjoni u canfar lill-attrici dwar dan in-nuqqas u zammha responsabbli jekk ma kinitx tlesti l-appartamenti sakemm jaslu t-turisti. Qal li qatt ma rcieva ilment minghand l-attrici li ma setghetx tlehhaq max-xoghol jew li kien hemm xi raguni li kienet qed timpediha li taqdi dmirha. Ikkonferma li l-*management* kien nehhielha l-awtorizzazzjoni li tghid lic-*chambermaids* jghinuha ghax kien hemm xi tilwim bejniethom. Pero` kienet awtorizzata tghid lill-erba' *handymen* jghinuha. Qal li jaf li kien hemm xi *handyman* li kien ghenha. Sostna li l-attrici kellha esperjenza f'dan ix-xoghol, li ma kien hemm ebda pressjoni ta' xoghol ghaliex seta' jsir facilment bhalma kien sar is-sena ta' qabel fil-blokk Clover Court. Qal li l-piz li kellha ggorr kien ragjonevoli u kellha l-hin kollu li taghmlu izda ttraskurat. Qal ukoll li kien ta' l-ideja li l-attrici kienet tbati b'daharha minn qabel ghax fil-familja ta' Demajo (l-attrici tigi kugina tax-xhud) ibatu minn *back trouble*.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta tirreferi ghal test prattiku li sar waqt access mizmum mill-perit legali fejn l-oggetti li kellha ggorr l-attrici tqieghdu f'banju tal-plastik sabiex jigi valutat il-piz u deher car li ma kienx hemm piz enormi biex jittellghu fl-appartamenti koncernati. Tghid li d-decizjoni ta' x'jitpogga fil-*carrier* kienet totalment ta' l-attrici u jekk thoss li l-piz huwa wisq, tnehhi xi oggetti u ttellaghhom f'darbtejn minflok f'darba. Is-socjeta` konvenuta tghid li jidher li l-attrici kienet tbati precedentement minn  daharha u kienet taht il-kura ta' Mr. Frederick Zammit Maempel f'dan ir-rigward. Issostni li l-attrici ma gabitx l-ahjar prova li l-korriment taghha kien minhabba xi nuqqas da parte ta' l-operatur tal-fond, li l-attrici kienet tirregola lilha nnifisha u setghet facilment tirrikorri ghand il-konvenut biex titlob ghajnuna.

Huwa ben maghruf li kull *employer* huwa obbligat li jipprovdi lill-impjegati tieghu *a safe system of work*. Il-haddiem, ghalkemm ghandu dritt ihares sahhtu, minn naha wahda ma jridx juri ruhhu li qed igibha bi kbira f'mument delikat ta' xoghol u min-naha l-ohra hu mistenni li s-*safety* fuq ix-xoghol tkun haga ppjanata minn min hu mharreg apposta. Iktar u iktar meta, fl-interess ta' l-azjenda, il-haddiem innifsu jkun qed jaghmel hiltu billi jghaggel sabiex jintlehaq id-*deadline* li jkun inghata. Dan mhux oggett li l-haddiem jithalla jfendi ghal rasu izda hu oggett ta' pjan, ta' regoli u proceduri li ghalihom irid jahseb il-*management*.

Fil-kaz in ezami l-attrici kienet inghatat certa *deadline* biex tlesti l-appartamenti li kienu gew *refurbished*. Fi kliem Anthony Demajo in kontro-ezami fis-seduta tas-7 ta' Lulju 1994, hija "kellha taht idejha xi 183 appartament fis-sens li kienet responsabbli ghall-*maids* u l-amministrazzjoni ta' l-istess. Pero` ma kinitx tahdem *manually* fihom kollha. Kienet tahdem *manually* fil-Shamrock, Trilithon u Clover. Mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' Ottubru, l-attrici kellha tiehu hsieb l-appartament taghna u cioe` tal-Edrichton ukoll billi tamministra l-appartamenti u l-*maid service* kollu."

Dan ifisser li l-attrici kellha xoghol konsiderevoli u fil-kwalita` ta' *housekeeper* inkarigata bl-amministrazzjoni tal-*maid service* ma jaghmilx sens li titnehhilha l-awtorizzazzjoni li taghti ordnijiet lic-*chambermaids*. Kif tista' tamministra *maid service* minghajr ma taghti l-ordnijiet mehtiega? Kif tista' titlob l-ghajnuna ta' *handymen* meta dawn ikunu addetti ghal xoghol f'blokki ohrajn?

Is-socjeta` konvenuta tghid li l-attrici setghet qassmet l-oggetti li kellha ttella' fl-appartamenti sabiex ma tkunx qed terfa' piz zejjed u tirreferi ghat-test li sar waqt l-access. Skond il-verbal ta' dan l-access, il-perit ikkonstata li "merfughin flimkien go kaxxa wahda, l-oggetti jsiru tqal hafna." Il-perit jindika wkoll in-numru ta' tarag li jwassal ghal kull sular. Huwa minnu li l-attrici setghet forsi qassmet il-piz ta' l-oggetti ahjar (li naturalment kien ifisser aktar tlugh u nzul ta' tarag). Fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom l-attrici pero` ma tistax titqies responsabbli ghax

weggghet b'konsegwenza tax-xoghol li kellha taghmel wahedha, minghajr ebda forma ta' regola jew procedura u minghajr il-possibbilita` li jkollha ghajnuna.

Is-socjeta` konvenuta tallega li l-attrici kienet issofri minn problemi f'daharha minn qabel. Din hija biss allegazzjoni. Anthony Demajo xehed li tal-familja Demajo jbatu b'daharhom. Jekk inhuwa hekk *multo magis* ma jmissux halla lill-attrici terfa' pizijiet wahedha. Tallega wkoll is-socjeta` konvenuta li l-attrici kienet taht il-kura ta' Mr. Frederick Zammit Maempel f'dan ir-rigward. Din ukoll hi semplici allegazzjoni peress illi minn imkien ma jirrizulta li Mr. Frederick Zammit Maempel kien jaraha qabel ma weggghet.

Fid-dawl tas-suespost ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-korriment ta' l-attrici kien dovut ghal nuqqasijiet imputabbli lis-socjeta` konvenuta u li ghalhekk ghandha tinzamm responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

L-attrici ghandha dritt kemm ghad-*damnum emergens* kif ukoll ghal-*lucrum cessans*.

Dwar ta' l-ewwel jirrizulta li l-attrici esebiet u kkonfermat diversi rcevuti li jirrigwardaw spejjez li nkorriet b'konsegwenza talli weggghet fuq ix-xoghol. Dawn jinsabu elenkati fid-Dok. AC14 (a fol. 120) ghal total ta' Lm825.91 u fil-fehma tal-Qorti huma gustifikati.

Kwantu ghal-*lucrum cessans* irid l-ewwel jigi determinat il-grad ta' dizabilita`. Skond id-Dok. AC2 a fol. 111, ittra tad-19 ta' Gunju 1989 mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali lill-attrici, gie indikat li "t-tobba li rawk wara li inti weggajt fuq ix-xoghol sabuk 100% inkapaci ghax-xoghol". Skond ir-rapport imhejji minn Mr. Frederick Zammit Maempel fl-4 ta' Frar 1990 (Dok. AC15 a fol. 121 *et seq.*) *ex parte*, gie konkluz li l-attrici *"May improve slightly in time and would benefit from spinal surgery, but in my opinion she will remain with a permanent disability of 40%"*. Ghalhekk, u wara li qieset ukoll ix-xiehda ta' l-attrici, din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex tistabilixxi bhala l-grad ta' dizabilita` dak indikat fir-rapport ta' Mr. Zammit

Maempel, cioe` 40%, u mhux dak indikat mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali.

Jidher li l-paga ta' l-attrici kienet ta' Lm37 fil-gimgha ekwivalenti ghal Lm1,924 fis-sena. Biex taghmel tajjeb ghal zidiet fl-gholi tal-hajja u fl-inflazzjoni, il-*quantum* bhala medja qieghed jizdied ghal Lm2,300. Meta weggghet l-attrici kellha 41 sena. Il-hajja lavorattiva tal-generalita` tan-nisa f'pajjizna twassalhom ghall-eta` pensjonabbli ta' 60 sena. Ghalhekk jidher gust li l-*multiplier* ghandu jkun ta' 19. Konsegwentement il-*lucrum cessans* jinhadem hekk:

Lm2,300 fis-sena ghal 19-il sena = Lm43,700

Dizabilita` permanenti 40% = Lm17,480

Stante li l-incident gara sbatax-il sena ilu, u konsistentement ma' gurisprudenza recenti, ma hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment*.

B'kollox ghalhekk l-attrici ghandha tiehu:

*Damnum emergens* ……………………………………. Lm 825.91

*Lucrum cessans* ……………………………………….. Lm17,480.00

-------------------

Lm18,305.91

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoniiet tas-socjeta` konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghall-korriment li garrbet l-attrici ghall-habta tat-3 ta' Gunju 1988 u ghad-danni konsegwenzjali;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attrici per konsegwenza ta' l-istess korriment fl-ammont ta' Lm18,305.91, u
(3) tikkundanna lill-konvenuti nomine jhallsu lill-attrici din is-somma hekk likwidata ta' Lm18,305.91 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------